**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/029 |
| **Ilment:** | Allegazzjoni ta' nuqqas ta' osservanza ta' miżura maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus |
| **Ilmentatur:** | Denis Tanti |
| **Data tal-Ilment:** | 23 ta' Ottubru 2020 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 18 ta' Frar 2021 |

**L-Ilment**

1. Permezz ta' email datata 23 ta' Ottubru 2020 (annessa u mmarkata bħala Dokument A), is-Sur Denis Tanti (l-Ilmentatur) talabni ninvestiga allegat ksur ta' etika da parti tal-Prim Ministru, l-Onor Dr Robert Abela. L-Ilmentatur jispjega l-allegazzjoni b'dan il-mod:

> *Dan il-ksur ta' dmir etiku jittratta n-nuqqas ta' Abela li josserva d-direttiva maħruġa mill-Uffiċċju tas-Supretendent għas-Saħħa Pubblika li jesiġi li persuna m'għandhiex tneħħi l-maskra tal-wiċċ waqt li tkun qed titkellem uffiċjalment fil-pubbliku, jekk ma tinżammx distanza ta' mill-inqas żewġ metri bejn individwi. Skont ma ġie rrappurtat minn mezzi lokali tal-istampa u x-xandir Abela naqas milli josserva din id-direttiva propju llum il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2020, waqt li kien qed jitkellem mal-ġurnalisti f'Santa Luċija.*

2. FL-email tiegħu, l-Ilmentatur jagħmel numru ta' allegazzjonijiet oħra marbutin ma' nuqqas ta' osservanza ta' miżuri biex jitnaqqas it-tixrid tal-COVID-19. L-Ilmentatur jirrikonoxxi li dawn l-allegazzjonijiet addizzjonali huma preskritti bis-saħħa tal-artikolu 14(2) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika, billi sar jaf bihom aktar minn tletin jum tax-xogħol qabel issottometta l-ilment

tiegħu. Madankollu, jgħid li semmihom xorta sabiex juri li l-allegat ksur li qed jitlobni ninvestiga "ma kienx xi wieħed iżolat". Dawn l-allegazzjonijiet addizzjonali huma riprodotti f'Dokument A iżda billi huma preskritti ma kkonsidrajthomx għall-finijiet ta' din l-investigazzjoni.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

3. L-Ilmentatur ma jindikax liema dispożizzjoni tal-Kodiċi tal-Etika tal-Ministri u s-Segretarji Parlamentari, fl-opinjoni tiegħu, ġiet miksura mill-Prim Ministru. L-imsemmi Kodiċi tal-Etika jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-Kap 570 tal-liġijiet ta' Malta).

4. Madankollu, jiena ħassejt li l-ilment kien jimmerita investigazzjoni fir-rigward tal-allegazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan ir-rapport. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi li jiena nqis rilevanti għall-każ huma:

> *5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta' bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja.*
>
> *5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju.*

**Il-Kuntest**

5. Fis-23 ta' Ottubru 2020, il-Prim Ministru attenda l-inawgurazzjoni tar-roundabout underpass f'Santa Luċija li ġiet organizzata mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, u fejn kienu preżenti diversi nies inkluż ġurnalisti.

6. Wara li spiċċat l-inawgurazzjoni, il-Prim Ministru ntalab iwieġeb numru ta' mistoqsijiet mill-ġurnalisti preżenti. F'dan il-punt il-Prim Ministru deher iwieġeb id-domandi mingħajr maskra minkejja l-preżenza tal-ġurnalisti fil-qrib tiegħu. Dan jidher f'diversi ritratti u filmati li ġew ippubblikati fir-rapportaġġ

dwar l-avveniment, fosthom mill-istazzjon TVM[1] u l-ġurnali *Times of Malta*[2] u *The Malta Independent*.[3]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

7. Ikkunsidrajt l-ilment kif ukoll ir-rapporti mill-midja dwar l-avveniment, inkluż dawk li jissemmew fuq.

8. Ninnota wkoll l-istqarrija li nħarġet mill-IĠM rigward l-inawgurazzjoni tal-proġett f'Santa Luċija, li tinsab hawn taħt:

> *L-IĠM huwa ddiżappuntat ferm għan-nuqqas totali ta' rispett muri mill-Gvern lejn il-liġijiet ta' Malta, lejn il-ġurnalisti, lejn il-pubbliku u lejn is-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.*
>
> *Ir-ritratt mehmuż jitkellem waħdu. Waqt attività li setgħet faċilment ġiet organizzata biż-żamma tad-distanzi soċjali, dan ġie għal kollox injorat minn ħadd għajr il-Prim Ministru Robert Abela nnifsu. Dan fi sfond ta' ċifri li jaqbżu l-mitt persuna infettat bil-Covid-19 kuljum, ta' sitwazzjoni prekarja fejn hemm l-eżerċizzju tal-contact tracing qed jaqa' lura u ta' ekonomija li qed tbati daqs il-persuni li qed iħaddmuha. Biex ma nsemmux iż-żieda qawwija fir-rata ta' mwiet fl-aħħar ġimgħat.*
>
> *L-Avviz Legali 402/2020 jgħid: "it-tneħħija temporanja ta' maskri tal-wiċċ għandha tkun permissibbli fis-sitwazzjonijiet li ġejjin: ... (d) waqt taħdit uffiċjali fil-pubbliku iżda, għandha tinżamm distanza fiżika ta' mill-inqas żewġ (2) metri bejn l-individwi; Iżda lezzjonijiet jew lekċers ġewwa skejjel, universitajiet jew stabbilimenti oħra edukattivi ma għandhomx jiġu interpretati bħala taħdit uffiċjali fil-pubbliku. Wieħed jista' jara, mingħajr il-ħtieġa ta' kejl, li din id-distanza ma nżammitx mill-Prim Ministru li għandu d-dmir li jagħti l-eżempju.*

---

[1] https://www.tvm.com.mt/mt/news/ara-il-pm-jiddikjara-li-huwa-kontra-l-kuncett-ta-inkjesta-pubblika/.

[2] https://timesofmalta.com/articles/view/robert-abela-against-using-public-inquiries-to-circumvent-law-courts.826663.

[3] https://www.independent.com.mt/articles/2020-10-23/local-news/Santa-Lucija-roundabout-underpass-opens-for-traffic-6736228066.

*Filwaqt li mhemmx wisq aktar x'jista' jagħmel l-IĠM għajr li jinnota dan it-tip ta' aġir u jappella sabiex jinżammu r-regoli, l-Istitut jesprimi solidarjetà ma' kull ġurnalist li jitbiegħed minn sitwazzjonjiet bħal dawn. Jissimpatizza ma' dawk li jħossu li fejn il-miżuri meħtieġa ma jistgħux jinżammu, il-ġurnalisti m'għandhomx jattendu. L-IĠM tappella lill-unions sabiex jieħdu nota ta' din il-kwestjoni u jagħtu d-direttivi meħtieġa lill-membri, għall-ġid u s-saħħa tagħhom.*[4]

9. B'risposta għal dan, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru ħareġ stqarrija permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni biex jgħid li dak li ntqal mill-IĠM kien "*fattwalment skorrett*". L-istqarrija uffiċjali qalet ukoll, fost affarijiet oħra, li:

*Qabel xejn, mhux vera li l-Prim Ministru mhux qed jimxi mal-legal notices, li qed jidħlu grazzi għad-deċiżjonijiet li jieħu hu stess biex ikunu ssalvagwardjati n-nies kif għandu r-responsabilità li jagħmel.*

*Il-Prim Ministru qed ikun liebes konsistentement il-maskra fit-termini tal-legal notice, filwaqt li qed titneħħa, kif anke tagħti lok id-deċiżjoni tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, waqt li jkun qed jindirizza l-pubbliku.*

*Kif intqal fil-konferenza tal-aħbarijiet ġimgħa ilu, għalkemm il-gvern qed jagħti d-direzzjonijiet wara l-pariri mill-Awtoritajiet tas-Saħħa, hija responsabilità tal-individwu wkoll li jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u anke lil dawk ta' madwaru.*

*F'dan il-każ, il-ġurnalisti għandhom huma stess iżommu d-distanza bejniethom. Il-Prim Ministru ntalab mill-media sabiex jieħu l-mistoqsijiet, kif għamel, u hi responsabilità tal-ġurnalisti wkoll li ma jikkongregawx.*

*Kemm il-darba ngħataw struzzjonijiet mill-uffiċjali li jkunu mal-Prim Ministru sabiex il-ġurnalisti jimxu lura u ntqal kemm il-darba li għandu jkun hemm stikek twal mal-mikrofoni. Ikun tajjeb li l-IĠM tagħti struzzjonijiet lill-membri tagħha sabiex jaderixxu ma' dawn l-istruzzjonijiet li jingħataw.*[5]

---

4 https://igm.mt/2020/10/23/igm-disappointed-at-pms-flouting-of-laws/2/.

5 https://www.gov.mt/en/Government/DOI/Press%20Releases/Pages/2020/October/23/pr202061.aspx.

10. Jiena ktibt lill-Prim Ministru fl-4 ta’ Novembru 2020 (kopja tal-ittra annessa u mmarkata bħala Dokument B) fejn informajtu dwar l-ilment u tlabtu jagħti r-reazzjoni tiegħu.

11. Il-Prim Ministru rrisponda permezz ta’ ittra datata 10 ta’ Novembru 2020 (annessa u mmarkata bħala Dokument Ċ). Fl-ittra tiegħu il-Prim Ministru indirizza l-allegazzjonijiet li mhumiex qegħdin jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta’ dan ir-rapport. In kwantu għall-allegazzjoni li hija s-suġġett ta’ dan ir-rapport, huwa qal:

> *Ngħaddi issa għal dak li nifhem hi l-kwistjoni vera u proprja li ser tiġi trattata minnek, jiġifieri dak li allegatament seħħ fit-23 t’Ottubru ta’ din is-sena f’Santa Luċija.*
>
> *Dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-proġett f’Santa Luċija, jien kont liebes il-maskla (kulur ċelesti) il-ħin kollu, ħlief għal ħin limitat tul id-diskors uffiċjali tiegħi fil-pubbliku, kif inhu permess fir-regolamenti.*
>
> *Jispetta lil min qed iressaq l-ilment li jġib prova sodisfaċenti li <u>jien</u> ma kontx qed inżomm id-distanza regolamentari, fil-waqt lamentat minnu. Nirriġġetta kompletament din l-allegazzjoni li hi bażata fuq dak rappurtat u mhux dak li jaf il-complainant.*
>
> *Inżid għal kull buon fini li l-media team tiegħi, preċedentement għall-event, kienu diġà nfurmaw lill-ġurnalisti sabiex jieħdu ħsieb li tinżamm id-distanza soċjali, anke billi jintużaw sticks mal-microphones.*
>
> *Ġara illi f’mument minnhom, ġejt ċirkondat minnn diversi ġurnalisti li poġġew il-cameras u microphones quddiemi u bdew isaqsu diversi domandi.*
>
> *Wieħed mill-inkarigi speċifiċi li għandu l-media team tiegħi hu li jaraw li tiġi osservata d-distanza soċjali f’kull waqt meta nkun qed nagħmel diskorsi u nwieġeb lil media.*
>
> *Inżid li f’ebda waqt ma ċċaqlaqt mill-pożizzjoni li kont fiha u lanqas stajt immur lura mill-ġurnalisti għax ma kienx hemm spazju, filwaqt li nistqarr li kont qed nikkonċentra fuq dak li kont qed niġi mistoqsi u li ridt inwieġeb.*
>
> *L-iċken ħaġa li għaddietli minn moħħi kien dak li ser jingħad wara mill-IĠM, xi ħaġa li ħassejtni ddispjaċut dwarha fiċ-ċirkostanzi spjegati.*

*Niċħad kategorikament li ksirt xi regolament. Kont maħsud u sorpriż meta rajt l-istqarrija wara l-event.*

*Inżid li f'kull event pubbliku, u jsiru ħafna minnhom, il-media team tiegħi dejjem ħa ħsieb li jkun hemm osservanza ċara tas-social distancing.*

*Nifhem li hemm sezzjoni ċkejkna li qed tipprova tagħti l-impressjoni falza li jien niġi naqa' u nqum mill-osservanza tar-regolamenti, xi ħaġa li hi kompletament 'il bogħod mill-verità u li miniex ser naċċettaha, għaliex il-verità hi kompletament opposta.*

*Wara kollox, inżid li l-miżura ta' ilbies tal-maskla hekk kif promulgata fis-17 ta' Ottubru 2020 kienet inizjattiva xprunata minni direttament, għaliex konvint mill-ħtieġa tagħha.*

*Inżid ukoll li t-talba kontenuta fl-ilment tas-Sur Tanti ma tirreferi għal ebda ksur statutorju imma għal ksur etiku. Ksur etiku evidentement ma hemmx, u għaldaqstant jien tal-umili fehma li l-ilment ma jistax jitwessa' għal wieħed ta' ksur statutorju. Dan qed ngħidu aktar mill-lat akademiku, għaliex nirribadixxi li hu abbundantement ċar li ma hemm ebda ksur ta' regoli da parti tiegħi, u ilmenti bħal dawn, huma spjaċevoli għaliex ufficċju sensittiv u importanti bħal ma hu dak tiegħi, ma għandux jintuża minn min għandu skopijiet li mhumiex bona fide.*

*Għalhekk bir-rispett nissottometti li għandek tuża d-diskrezzjoni tiegħek kontemplata fl-art 17 (2) (b) tal-Att għaliex l-allegazzjoni ma hijiex bona fide, apparti li kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, u mhux meritata.*

*Għar-raġunijiet premessi, l-ilment mertu ta' din ir-risposta għandu jiġi riġettat.*

**Konsiderazzjonijiet preliminari**

12. Qabel nikkunsidra l-mertu sostantiv tal-każ se nindirizza żewġ oġġezzjonijiet min-naħa tal-Prim Ministru li huma ta' natura legali.

13. Fl-ewwel waħda minn dawn l-oġġezzjonijiet il-Prim Ministru jgħid: "*Jispetta lil min qed iressaq l-ilment li jġib prova sodisfaċenti li jien ma kontx qed inżomm id-distanza regolamentari, fil-waqt lamentat minnu*." Jgħid ukoll li "*l-allegazzjoni li hi bażata fuq dak rappurtat u mhux dak li jaf il-complainant*."

14. Mhuwiex raġonevoli li membru tal-pubbliku li jressaq ilment ikun mistenni li jġib il-provi hu dwar l-ilment. L-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika ma jpoġġix tali obbligu fuq l-ilmentatur. Anzi, l-Att jagħti l-kompitu lili li ninvestiga każi ta' allegat ksur ta' dmir statutorju jew etiku, sew fuq inizjattiva tiegħi u sew wara ilmenti minn ħaddieħor.

15. Għall-istess raġuni m'hemm xejn x'iżomm membru tal-pubbliku milli jissottometti ilment dwar avvenimenti li jsir jaf bihom minn rapporti fil-midja. Jiena diġà investigajt numru ta' każi fejn l-ilment li sar lili kien ibbażat fuq rapporti fil-midja. Jiena rriferejt tnejn minn dawn il-każi lill-Kumitat Permanenti tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u fiż-żewġ każi l-Kumitat aċċetta r-rapport tiegħi u qabel mal-konklużjonijiet dwar il-każ.[6]

16. Fit-tieni oġġezzjoni legali tiegħu, il-Prim Ministru jgħid li l-ilment ma jirreferi għal "*ebda ksur statutorju imma għal ksur etiku*." Nifhem li dan l-argument huwa bbażat fuq il-fatt li l-Ilmentatur jiddeskrivi l-allegat aġir tal-Prim Ministru bħala "*ksur ta' dmir etiku*", mentri l-allegazzjoni fil-fatt tittratta dwar ksur tal-liġi.

17. F'dan il-kuntest nosserva li l-avviż legali 402 tal-2020, li kien in vigore meta sar l-avveniment, jeżiġi li "*Kull persuna għandha, meta tkun barra r-residenza tagħha, kemm meta tmur f'post fil-magħluq u kif ukoll fil-miftuħ, tilbes maskra medika jew tad-drapp jew visor b'mod xieraq li tgħatti l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum tal-persuna*". L-istess avviż jgħid li t-tneħħija temporanja tal-maskra hija permissibbli f'ċirkostanzi partikolari, fosthom "*waqt taħdit uffiċjali fil-pubbliku iżda, għandha tinżamm distanza fiżika ta' mill-inqas żewġ (2) metri bejn l-individwi*". Għaldaqstant huwa minnu li l-allegazzjoni tittratta dwar ksur tal-liġi.

18. Madankollu, l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika imkien ma jgħid li l-ilmentatur għandu jispeċifika n-natura tal-allegat ksur bi preċiżjoni, jew li fl-investigazzjoni tiegħu il-Kummissarju għall-Istandards huwa marbut li jimxi biss ma' dak li jgħid l-ilmentatur. Sta għall-Kummissarju li mbagħad jinkwadra l-investigazzjoni fil-kuntest ta' dak provdut fil-kodiċijiet tal-etika.

19. Barra minn dan, l-artikolu 5.8 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari jgħid li l-ministri "*għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-*

---

6 Ara r-rapporti dwar il-każi K/019 u K/022. Iż-żewġ rapporti huma aċċessibbli minn https://standardscommissioner.com/case-reports/?lang=mt.

*pajjiż*". B'hekk allegazzjoni ta' ksur ta' liġi da parti ta' ministru (jew, f'dan il-każ, il-Prim Ministru) tirrappreżenta wkoll allegazzjoni ta' ksur ta' etika, jiġifieri l-ilmentatur ma ddiskriviex l-ilment tiegħu b'mod ħażin.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-mertu tal-każ**

20. L-inċident li huwa s-suġġett tal-ilment seħħ mhux waqt l-inawgurazzjoni formali tal-mini ta' Santa Luċija fit-23 ta' Ottubru 2020, iżda immedjatament wara.

21. Waqt l-inawgurazzjoni formali, il-Prim Ministru kien wieħed minn numru ta' kelliema u uffiċjali li kienu fuq podju jew pjattaforma. Fil-filmat uffiċjali tal-avveniment,[7] kull kelliem inkluż il-Prim Ministru jidher liebes il-maskra sakemm kien qiegħed jitkellem ħaddieħor, u neħħa l-maskra biss biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-podju serva wkoll biex tinżamm distanza bejn il-kelliema u s-semmiegħa.

22. X'ħin spiċċat l-inawgurazzjoni formali, il-kelliema niżlu minn fuq il-podju u marru jispezzjonaw il-proġett. Il-filmat uffiċjali juri ċar li l-Prim Ministru u l-kelliema l-oħra baqgħu bil-maskri.

23. Sussegwentement jidher li l-ġurnalisti resqu lejn il-Prim Ministru u bdew jistaqsuh id-domandi. F'filmat meħud mill-istazzjon TVM[8] il-Prim Ministru jidher iffaċċjat mill-ġurnalisti bil-mikrofoni u l-cameras waqt li jkun qed jiġi mistoqsi d-domandi. Jidher għadu liebes il-maskra waqt li jkun qed jisma' l-ewwel domanda, iżda jneħħiha hekk kif jibda jwieġeb. F'dan il-punt kien hemm distanza ta' inqas minn żewġ metri bejn il-Prim Ministru u l-ġurnalisti. Dan wassal għall-kontroversja li qamet fil-midja kif ukoll il-ħruġ ta' stqarrija mill-IĠM u s-sottomissjoni tal-ilment taħt konsiderazzjoni f'dan ir-rapport.

24. Fil-fehma tal-IĠM, ir-responsabbiltà għas-sitwazzjoni kif żvolġiet hija tal-Prim Ministru. Fl-istqarrija tagħha l-IĠM tgħid: "*Waqt attività li setgħet faċilment ġiet organizzata biż-żamma tad-distanzi soċjali, dan ġie għal kollox injorat minn ħadd għajr il-Prim Ministru Robert Abela nnifsu*." Mill-banda l-oħra l-Uffiċċju tal-Prim Ministru jgħid, fl-istqarrija maħruġa minnu b'risposta, li

---

7 Ara https://www.facebook.com/MaltaGov/videos/382815092758326/.

8 Ara https://www.tvm.com.mt/mt/news/ara-il-pm-jiddikjara-li-huwa-kontra-l-kuncett-ta-inkjesta-pubblika/.

*"il-ġurnalisti għandhom huma stess iżommu d-distanza bejniethom. Il-Prim Ministru ntalab mill-media sabiex jieħu l-mistoqsijiet, kif għamel, u hi responsabilità tal-ġurnalisti wkoll li ma jikkongregawx*."

25. B'riferenza għal dak li ntqal mill-IĠM, fattur kruċjali f'dan il-każ hu li l-inċident li hu s-suġġett ta' dan ir-rapport ma seħħx waqt l-avveniment uffiċjali iżda ġara wara li ntemm l-avveniment, meta l-ġurnalisti minn rajhom inġabru quddiem il-Prim Ministru biex jistaqsuh domandi. Ta' min wieħed ifakkar li dan kien avveniment li sar fil-miftuħ, u mhux konferenza stampa f'ministeru jew uffiċċju ieħor tal-gvern. Ġaladarba l-avveniment kien intemm, ma kienx hemm xkiel fuq il-movimenti tal-ġurnalisti. Għaldaqstant l-awtoritajiet ma jistgħux jinżammu għal kollox responsabbli ta' nuqqas ta' organizzazzjoni fir-rigward tal-inċident in kwistjoni. Din il-forma ta' rassa tal-midja ssir spiss u forsi kellha tiġi antiċipata mill-organizzaturi tal-attività.

26. Ninnota mill-filmat tat-TVM li ħlief għal xi żewġ eċċezzjonijiet, ħadd mill-ġurnalisti preżenti ma uża mikrofonu fuq lasta jew apparat ieħor li bih seta' jżomm id-distanza soċjali rekwiżita ta' żewġ metri 'l bogħod mill-Prim Ministru.

27. Ninnota ukoll li jidher li l-Ministru Ian Borg u uffiċjali oħra tal-gvern inġabru wara l-Prim Ministru, li b'hekk spiċċa mdawwar minn kull naħa. Għaldaqstant il-Prim Ministru ma setax jersaq lura. Madankollu, anki li kieku l-Prim Ministru seta' jersaq lura, kien ikun qed jitbiegħed mill-mikrofoni tal-ġurnalisti (ġaladarba l-biċċa l-kbira minn dawn ma kenux fuq lasti). B'riżultat ta' dan, ir-risposti tal-Prim Ministru għad-domandi tal-ġurnalisti setgħu ma ġewx jinstemgħu fir-recordings li kieku resaq lura.

28. Fiċ-ċirkostanzi, il-Prim Ministru ġaladarba nqabad f'sitwazzjoni skomda fejn jew jibqa' bil-maskra waqt li jwieġeb id-domandi tal-ġurnalisti, jew inkella jneħħi l-maskra minkejja li kien f'distanza ta' inqas minn żewġ metri mill-ġurnalisti, messu għażel li jibqa' bil-maskra a skapitu ta' kemm kien jiftiehem. Ġeneralment mhux faċli li wieħed jiftiehem meta jitkellem fil-pubbliku bil-maskra, tant li min jippreżenta programmi fuq it-televiżjoni ġeneralment jilbes visor trasparenti li jkun ħafna inqas ta' ostaklu għad-diskors bil-fomm. L-effett tal-maskra jidher fil-filmat tat-TVM meta wieħed iqabbel id-domandi tal-ġurnalisti, li kienu kollha bil-maskra, mar-risposti tal-Prim Ministru. Id-domandi ta' spiss ma jinstemgħux ċar fil-filmat, mentri huwa ħafna aktar faċli li wieħed isegwi r-risposti tal-Prim Ministru.

29. F'ċirkostanzi bħal dawn ikun għaqli li l-istaff tal-Prim Ministru jitlob lill-membri tal-istampa jersqu lura altrimenti l-Prim Ministru ma jkunx jista' jwieġeb, u li l-Prim Ministru ma jweġibx (jekk iħoss li għandu jneħħi l-maskra) sakemm il-membri tal-istampa jkunu resqu lura. Min-naħa tagħhom il-membri tal-istampa għandhom iżommu d-distanza skont ir-regolamenti u jużaw mikrofoni bil-lasta.

**Konklużjonijiet**

30. L-inċident li hu s-suġġett ta' dan ir-rapport seħħ immedjatament *wara* avveniment uffiċjali. L-inċident seħħ f'post pubbliku u l-ġurnalisti ma jidhirx li kellhom xkiel fuq il-movimenti tagħhom. F'dawn iċ-ċirkostanzi ma kienx il-kompitu tal-Prim Ministru nnifsu li jikkonċentra fuq iż-żamma tad-distanza.

31. Naturalment kien ikun aktar għaqli li kieku l-Prim Ministru ma neħħiex il-maskra. Il-fatt li dan sar f'kuntest ta' domanda proprju dwar l-użu tal-maskri hija minn banda ironika u mill-banda l-oħra indikazzjoni ta' ftit nuqqas ta' ħsieb. Jiena rajt bir-reqqa l-filmat tal-okkażjoni u m'hemm xejn li jwassalni għall-konklużjoni li dina saret bl-intenzjoni li jisfida r-regolament dwar l-ilbies tal-maskra.

32. Għalhekk, tenut kont tal-fatt li kemm il-Prim Ministru kif ukoll it-team tiegħu kienu libsin il-maskri l-ħin kollu (ħlief għal dawk il-minuti li taw lok għar-rapport), it-tneħħija l-maskra meta ġie ffaċċjat b'domandi li r-risposti tagħhom kienu ser jiġu rappurtati mill-midja jammonta għal traskuraġni ħafifa li m'għandhiex twassal għal kundanna ta' ksur ta' etika.

33. Nixtieq ninnota b'sodisfazzjon li minn dakinhar 'l hawn jidher li r-regoli qed jiġu osservati b'mod strett kemm mill-awtoritajiet politiċi u kemm mill-membri tal-istampa. Għalhekk inkompli nħeġġeġ lill-awtoritajiet sabiex f'kull ħin ikunu ta' eżempju tajjeb fil-mod kif jiġu applikati r-regoli maħruġa mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika sabiex l-effetti ta' dina l-pandemija qerrieda jiġu kontrollati fl-iqsar żmien possibbli.

34. Dan ir-rapport qed jintbagħat lill-Ilmentatur, lill-Prim Ministru Robert Abela, u lill-Kumitat tal-Parlament għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għall-

informazzjoni tiegħu. Kopja ser titqiegħed ukoll fuq il-website tal-uffiċċju tiegħi.[9]

**Dr George Marius Hyzler**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

9 https://standardscommissioner.com/?lang=mt.

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Email bid-data tat-23 ta' Ottubru 2020 mingħand l-Ilmentatur, is-Sur Denis Tanti. |
| Dokument B | Ittra datata 4 ta' Novembru 2020 lill-Prim Ministru Robert Abela. |
| Dokument Ċ | Ittra datata 10 ta' Novembru 2020 mingħand il-Prim Ministru. |

DOKUMENT A

23 ta' Ottubru 2020

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Ufficcju ta' l-Ombudsman
11, Triq San Pawl
Il-Belt Valletta VLT 1211

Għażiż Dr Hyzler,

Skond artiklu 13(1)(b) ta' l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika qed inġieb a konjizzjoni tiegħek każ ta' ksur ta' dmir etiku mill-Prim Ministru Dr Robert Abela filwaqt li nitolbok tinvestigah.

Waqt żjara fil-Libja nhar il-Ħamis, 28 ta'Mejju 2020, minn delegazzjoni mmexxija minn Abela, li kienet tinkludi lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej is-Sur Evarist Bartolo u l-Ministru ta' l-Intern Dr Byron Camilleri, l-persuni li kienu jiffurmaw l-istess delegazzjoni kienu għazlu li jesponu lilhom infushom għal riskju għoli li jikkuntrattaw il-koronavirus billi naqsu sfaċċatament milli jikkonformaw mal-miżuri preventivi bażiċi.

Huma taw eżempju ħażin lil pajjiżhom meta żammew viċinanza mal-Prim Ministru Libjan Fayez al-Sarraj u uffiċjali Libjani oħra mingħajr ma libsu maskra. L-ommissjonijiet tagħhom kienu aktar serji meta tiġi kkunsidrata l-vulnerabbiltà akbar għat-tixrid tal-virus fil-Libja, bħala riżultat tal-qerda tal-infrastruttura tas-saħħa mill-gwerra ċivili li l-pajjiż jinsab għaddej minna.

Kienet allura ħaġa ta' l-iskantament li mal-wasla tagħhom f'Malta fuq it-titjira 9H-ELI CITATION X minn Malta għall-Libya u lura, Abela u d-delegazzjoni tiegħu kienu eżentati mis-Superintendenza għas-Saħħa Pubblika milli jsegwu l-perjodu mandatorju ta' kwarantina ta' 14-il jum impost dak iż-żmien fuq il-wasliet kollha minn kwalunkwe pajjiż.

Fil-fatt, permezz ta' stqarrija s-Supretendent għas-Saħħa Pubblika, l-Professur Charmaine Gauci, tat struzzjonijiet biex tiġi sospiża l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, 2020, għall-persuni fuq it-titjira msemmija, biex b'hekk Abela u l-kontinġent tiegħu ma kienux suġġettati għall-kundizzjonijiet ta' kwarantina stipulati.

L-iskuża zoppa offruta għal din l-eżenzjoni skandaluża kienet li l-perjodu ta' żmien li Abela u d-delegazzjoni tiegħu qattgħu barra minn Malta kien limitat ħafna, u li l-vjaġġ kien wieħed urġenti maħsub biex jipprovdi servizz essenzjali f'emerġenza ta' sigurtà nazzjonali.

Bil-pożizzjoni dgħajfa li adottat, is-Superintendenza għas-Saħħa Pubblika naqset mid-dmir tagħha li tipproteġi s-saħħa tal-pubbliku inġenerali billi tikkontrolla t-tixrid tal-virus. Jekk xejn, ikkonfermat li f'Malta hemm liġijiet għall-allat u liġijiet għall-annimali.

L-istess nuqqas ta' konformità mal-prekawzjonijiet bażiċi biex tiġi evitata t-trasmissjoni tal-COVID-19 seħħ fil-kors ta' żjara sussegwenti ta' ritorn f'Malta minn delegazzjoni uffiċjali Libjana. Mal-wasla tiegħu fl-ajruport il-prim ministru Libjan kien liebes maskra, iżda Bartolo u Camilleri li laqgħuh ma ħassewx il-bżonn li jieħdu l-istess prekawzjoni.

Abela deher liebes maskra tal-wiċċ fil-pubbliku għall-ewwel darba fis-17 ta' Lulju 2020 waqt l-attendenza tiegħu għas-Summit ta' jumejn għall-mexxejja Ewropej.

Qabel din id-data Abela persistentement naqas milli josserva miżuri elementari maħsuba biex inaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-koronavirus, bħad-distanza soċjali u ilbies ta' maskra. Huwa kien ħareġ ukoll bl-idea li jintroduċi mekkaniżmu li jirrifondi multi maħruġa lin-nies għal ksur tar-regolamenti tas-saħħa.

Matul il-laqgħat politiċi tal-massa ta' kull ġimgħa, Abela kien iġieb ruħhu bħallikieku ħadd ma jista għaliħ billi persistentement jinjora pariri xjentifiċi, u kien jiġi kkupjat mill-udjenza tiegħu.

Jiena ninsab konxju li l-ksur ta' dmirijiet etici ta' Abela u ministri tiegħu msemmija aktar il-fuq huma preskritti fl-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Iżda ħassejt li kelli nagħmel referenza għalihom biex inkun nista nuri li l-ksur ta' dmir etiku partikolari minn Abela li qed nitolbok formalment biex tinvestiga, u li jittratta nuqqas ta' osservanza ta' miżura elementari maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus, ma kienx xi wieħed iżolat.

Dan il-ksur ta' dmir etiku jittratta n-nuqqas ta' Abela li josserva d-direttiva maħruġa mill-Uffiċċju tas-Supretendent għas-Saħħa Pubblika li jesiġi li persuna m'għandhiex tneħħi l-maskra tal-wiċċ waqt li tkun qed titkellem uffiċjalment fil-pubbliku, jekk ma tinżammx distanza ta' mill-inqas żewġ metri bejn individwi. Skont ma ġie rrapurtat minn mezzi lokali ta' l-istampa u x-xandir Abela naqas milli josserva din id-direttiva propju llum il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2020, waqt li kien qed jitkellem mal-ġurnalisti f'Santa Luċija.

Tislijiet,

Denis Tanti

**Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika**

4 ta' Novembru 2020

L-Onor Dr Robert Abela MP
Prim Ministru

Bl-email fuq l-indirizz robert.abela@gov.mt

Onorevoli Prim Ministru,

**Allegazzjoni dwar nuqqas ta' osservanza ta' miżura maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus**

Jiena ġejt mitlub ninvestiga allegazzjoni illi l-imġieba tiegħek fir-rigward ta'proċeduri implementati mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika tammonta għal *"nuqqas ta' osservanza ta' miżura elementari maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus"*, u dan b'mod speċifiku kif jirrigwarda l-attività pubblika tal-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2020, fejn inti allegatament tkellimt ma' diversi ġurnalisti f'Santa Luċija mingħajr ma lbist maskra protettiva jew żammejt distanza ta' żewġ metri minn mal-persuni ta' madwarek.

Qed nirriproduċi hawn taħt l-ilment li jiena rċevejt dwar dan il-każ:

> *Għażiż Dr Hyzler,*
>
> *Skond artiklu 13(1)(b) ta' l-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika qed inġieb a konjizzjoni tiegħek każ ta' ksur ta' dmir etiku mill-Prim Ministru Dr Robert Abela filwaqt li nitolbok tinvestigah.*
>
> *Waqt żjara fil-Libja nhar il-Ħamis, 28 ta'Mejju 2020, minn delegazzjoni mmexxija minn Abela, li kienet tinkludi lill-Ministru tal-Affarijiet Barranin u Ewropej is-Sur Evarist Bartolo u l-Ministru ta' l-Intern Dr Byron Camilleri, l-persuni li kienu jiffurmaw l-istess delegazzjoni kienu għazlu li jesponu lilhom infushom għal riskju għoli li jikkuntrattaw il-koronavirus billi naqsu sfaċċatament milli jikkonformaw mal-miżuri preventivi bażiċi.*
>
> *Huma taw eżempju ħażin lil pajjiżhom meta żammew viċinanza mal-Prim Ministru Libjan Fayez al-Sarraj u uffiċjali Libjani oħra mingħajr ma libsu maskra. L-ommissjonijiet tagħhom kienu aktar serji meta tiġi*

*kkunsidrata l-vulnerabbiltà akbar għat-tixrid tal-virus fil-Libja, bħala riżultat tal-qerda tal-infrastruttura tas-saħħa mill-gwerra ċivili li l-pajjiż jinsab għaddej minna.*

*Kienet allura ħaġa ta' l-iskantament li mal-wasla tagħhom f'Malta fuq it-titjira 9H-ELI CITATION X minn Malta għall-Libya u lura, Abela u d-delegazzjoni tiegħu kienu eżentati mis-Superintendenza għas-Saħħa Pubblika milli jsegwu l-perjodu mandatorju ta' kwarantina ta' 14-il jum impost dak iż-żmien fuq il-wasliet kollha minn kwalunkwe pajjiż.*

*Fil-fatt, permezz ta' stqarrija s-Supretendent għas-Saħħa Pubblika, l-Professur Charmaine Gauci, tat struzzjonijiet biex tiġi sospiża l-Ordni dwar il-Perjodu ta' Kwarantina, 2020, għall-persuni fuq it-titjira msemmija, biex b'hekk Abela u l-kontinġent tiegħu ma kienux suġġettati għall-kundizzjonijiet ta' kwarantina stipulati.*

*L-iskuża zoppa offruta għal din l-eżenzjoni skandaluża kienet li l-perjodu ta' żmien li Abela u d-delegazzjoni tiegħu qattgħu barra minn Malta kien limitat ħafna, u li l-vjaġġ kien wieħed urġenti maħsub biex jipprovdi servizz essenzjali f'emerġenza ta' sigurtà nazzjonali.*

*Bil-pożizzjoni dgħajfa li adottat, is-Superintendenza għas-Saħħa Pubblika naqset mid-dmir tagħha li tipproteġi s-saħħa tal-pubbliku inġenerali billi tikkontrolla t-tixrid tal-virus. Jekk xejn, ikkonfermat li f'Malta hemm liġijiet għall-allat u liġijiet għall-annimali.*

*L-istess nuqqas ta' konformità mal-prekawzjonijiet bażiċi biex tiġi evitata t-trasmissjoni tal-COVID-19 seħħ fil-kors ta' żjara sussegwenti ta' ritorn f'Malta minn delegazzjoni uffiċjali Libjana. Mal-wasla tiegħu fl-ajruport il-prim ministru Libjan kien liebes maskra, iżda Bartolo u Camilleri li laqgħuħ ma ħassewx il-bżonn li jieħdu l-istess prekawzjoni.*

*Abela deher liebes maskra tal-wiċċ fil-pubbliku għall-ewwel darba fis-17 ta' Lulju 2020 waqt l-attendenza tiegħu għas-Summit ta' jumejn għall-mexxejja Ewropej.*

*Qabel din id-data Abela persistentement naqas milli josserva miżuri elementari maħsuba biex inaqqsu r-riskju tat-tixrid tal-koronavirus, bħad-distanza soċjali u ilbies ta' maskra. Huwa kien ħareġ ukoll bl-idea li jintroduċi mekkaniżmu li jirrifondi multi maħruġa lin-nies għal ksur tar-regolamenti tas-saħħa.*

*Matul il-laqgħat politiċi tal-massa ta' kull ġimgħa, Abela kien iġieb ruħhu bħallikieku ħadd ma jista għaliħ billi persistentement jinjora pariri xjentifiċi, u kien jiġi kkupjat mill-udjenza tiegħu.*

*Jiena ninsab konxju li l-ksur ta' dmirijiet etici ta' Abela u ministri tiegħu msemmija aktar il-fuq huma preskritti fl-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Iżda ħassejt li kelli nagħmel referenza għalihom biex inkun nista nuri li l-ksur ta' dmir etiku partikolari minn Abela li qed nitolbok formalment biex tinvestiga, u li jittratta nuqqas ta' osservanza ta' miżura elementari maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus, ma kienx xi wieħed iżolat.*

*Dan il-ksur ta' dmir etiku jittratta n-nuqqas ta' Abela li josserva d-direttiva maħruġa mill-Uffiċċju tas-Supretendent għas-Saħħa Pubblika li jesiġi li persuna m'għandhiex tneħħi l-maskra tal-wiċċ waqt li tkun qed titkellem uffiċjalment fil-pubbliku, jekk ma tinżammx distanza ta' mill-inqas żewġ metri bejn individwi. Skont ma ġie rrapurtat minn mezzi lokali ta' l-istampa u x-xandir Abela naqas milli josserva din id-direttiva propju llum il-Ġimgħa, 23 ta' Ottubru 2020, waqt li kien qed jitkellem mal-ġurnalisti f'Santa Luċija.*

*Tislijiet,*

*Denis Tanti*

Nosserva li l-avviż legali 402 tal-2020 jeżiġi li "*Kull persuna għandha, meta tkun barra r-residenza tagħha, kemm meta tmur f'post fil-magħluq u kif ukoll fil-miftuħ, tilbes maskra medika jew tad-drapp jew visor b'mod xieraq li tgħatti l-imnieħer, il-ħalq u l-geddum tal-persuna*". L-istess avviż jgħid li t-tneħħija temporanja tal-maskra hija permissibbli f'ċirkostanzi partikolari, fosthom "*waqt taħdit uffiċjali fil-pubbliku iżda, għandha tinżamm distanza fiżika ta' mill-inqas żewġ (2) metri bejn l-individwi*". Skont kif qed nifhem l-avviż legali, din id-dispożizzjoni daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2020 iżda saret inforzabbli fit-23 ta' Ottubru 2020.

Jiena qed nikkunsidra dan il-każ fil-kuntest tal-artikolu 22(1) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta), li jirreferi għal aġir li "*tidher li prima facie tkun saret kontra dak li trid il-liġi*" jew li "*tkun prima facie kisret xi dmir statutorju jew etiku kif previst taħt dan l-Att jew kull liġi oħra*", kif ukoll fil-kuntest tal-kodiċi ta' etika għall-ministri u s-segretarji parlamentari li jinsab fit-tieni skeda tal-istess Att. Id-dispożizzjonijiet f'dan il-kodiċi li jidhru relevanti huma s-segwenti:

*5.8 Ġustizzja u rispett – fl-imġiba tagħhom u deċiżjonijiet li jieħdu, il-Ministri għandhom juru rispett lejn l-istituzzjonijiet u għandhom jirrispettaw il-liġijiet tal-pajjiż. Għandhom juru sens ta'bilanċ u qies billi jkunu sensittivi inġenerali lejn is-setturi kollha tas-soċjetà, kif ukoll b'mod partikolari lejn id-drittijiet u l-aspirazzjonijiet tal-persuni kkonċernati, sabiex b'hekk jimxu b'sens ta' ġustizzja.*

*5.9 Tmexxija – il-Ministri għandhom iħaddnu u jkunu ispirati minn dawn il-valuri biex b'hekk imexxu bl-eżempju.*

Inti ġentilment mitlub tagħti r-reazzjonijiet tiegħek b'mod ġenerali dwar l-allegazzjonijiet in kwistjoni.

Napprezza risposta sa nhar **il-Ġimgħa 20 ta' Novembru 2020**.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
BERĠA TA' KASTILJA, VALLETTA, MALTA

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta
VLT 1210

10 ta' Novembru 2020

Għażiż Kummissarju,

***Rigward: Allegazzjoni dwar nuqqas ta' osservanza ta' miżura maħsuba biex tnaqqas ir-riskju tat-tixrid tal-koronavirus***

Nagħmel riferenza għall-ittra tiegħek tal-4 ta' Novembru 2020.

Illi għar-rigward iż-żjara tiegħi fil-Libja, li saret b'sogru għal ħajjet id-delegazzjoni iżda li kienet kruċjali fl-interess nazzjonali, u filwaqt li nifhem li mhux il-mertu tal-indaġni tiegħek, nirrileva dan li ġej:

a. Nirreferi għall-art 14 (2) tal-Att (Kap 570);
b. Nissolleva n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tiegħek *extra* territorjali;
c. Nirreferi għall-Avviż Legali *in vigore* dakinhar li kien jitratta l-ilbies mandatorju tal-maskla f'postijiet partikolari biss. Fil-Libja, jien ma kont f'ebda mill-postijiet li f'Malta kien hemm l-obbligu li fihom tintlibes il-maskla;
d. Insemmi l-fatt li s-Supretendent tas-Sahha tat biss esenzjoni kundizzjonata mill-kwarantina mar-ritorn tiegħi mill-Libja, kif kien fis-setgħa tagħha li tagħmel fit-termini tal-liġi, liema kundizzjoni kienet tikkonsisti filli jsir swab test u li dan jirriżulta negattiv, kif fil-fatt ġara;
e. Niddeplora t-ton dispreġjattiv li juża s-Sur Tanti fil-konfront tas-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, anke` tenendo kont tal-fatt li hu ex-uffiċċjal tad-Dipartiment tas-Saħħa;

Immur issa għat-tieni asserzjoni, tant ieħor infondata – li jien ilbist maskla għall-ewwel darba fis-17 ta' Lulju 2020 – gidba sfaċċata għaliex kull meta kont fiċ-ċirkostanzi li fihom kien rikjest l-ilbies tal-maskla, dejjem osservajt skrupolożament dan l-obbligu, minkejja l-impressjoni diversa li hemm min, għal skopijiet purament partiġġjani, għandu l-interess li jispinnja.

Daqstant ieħor pwerili li jien ridt nintroduċi mekkaniżmu għar-rifużjoni ta' multi konnessi ma' ksur tar-regolamenti – dal-mekkaniżmu ilu jeżisti snin twal, qabel il-wasla tal-Covid.

L-istess jgħodd għal dak li hemm indikat fl-aħħar paragrafu tat-tieni faċċata tal-ittra tiegħek, asserzjoni għal darb'oħra kompletament infondata w fattwalment skorretta.

Ngħaddi issa għal dak li nifhem hi l-kwistjoni vera u proprja li ser tiġi trattata minnek, jiġifieri dak li allegatament seħħ fit-23 t' Ottubru ta' din is-sena f'Santa Luċija.

Dakinhar tal-inawgurazzjoni tal-proġett f'Santa Luċija, jien kont liebes il-maskla (kulur celesti) il-ħin kollu, ħlief għal ħin limitat tul id-dikors uffiċjali tiegħi fil-pubbliku, kif inhu permess fir-regolamenti.

Jispetta lil min qed iressaq l-ilment li jġib prova sodisfaċenti li jien ma kontx qed inżomm id-distanza regolamentari, fil-waqt lamentat minnu. Nirriġetta kompletament din l-allegazzjoni li hi bażata fuq dak rappurtat u mhux dak li jaf il-*complainant*.

Inżid għal kull *buon fini* li l-media team tiegħi, preċedentement għall-event, kienu diġa nfurmaw lill-ġurnalisti sabiex jieħdu ħsieb li tinżamm id-distanza soċjali, anke` billi jintużaw sticks mal-microphones.

Ġara illi f'mument minnhom, ġejt ċirkondat minn diversi ġurnalisti li poġġew il-cameras u microphones quddiemi u bdew isaqsu diversi domandi.

Wieħed mill-inkarigi speċifici li għandu l-media team tiegħi hu li jaraw li tiġi osservata d-distanza soċjali f'kull waqt meta nkun qed nagħmel diskorsi u nwieġeb lil media.

Inżid li f'ebda waqt ma ċċaqlaqt mill-posizzjoni li kont fiha u lanqas stajt immur lura mill-ġurnalisti għax ma kienx hemm spazju, filwaqt li nistqarr li kont qed nikkonċentra fuq dak li kont qed niġi mistoqsi u li ridt inwieġeb.

L-iċken ħaġa li għaddietli minn moħħi kien dak li ser jingħad wara mill-IGM, xi ħaġa li ħassejtni ddispjaċut dwarha fiċ-ċirkostanzi spjegati.

Niċħad kategorikament li ksirt xi regolament. Kont maħsud u sorpriż meta rajt l-istqarrija wara l-event.

Inżid li f'kull event pubbliku, u jsiru ħafna minnhom, il-media team tiegħi dejjem ħa ħsieb li jkun hemm osservanza ċara tas-social distancing.

Nifhem li hemm sezzjoni ċkejkna li qed tipprova tagħti l-impressjoni falza li jien niġi naqa u nqum mill-osservanza tar-regolamenti, xi ħaġa li hi kompletament 'l bogħod mill-verita` u li m'hiniex ser naċċettaha, għaliex il-verita` hi kompletament opposta.

Wara kollox, inżid li l-miżura ta' ilbies tal-maskla hekk kif promulgata fis-17 ta' Ottubru 2020 kienet iniżjattiva xprunata minni direttament, għaliex konvint mill-ħtieġa tagħha.

Inżid ukoll li t-talba kontenuta fl-ilment tas-Sur Tanti ma tirreferi għal ebda ksur statutorju imma għal ksur etiku. Ksur etiku evidentement ma hemmx, u għaldaqstant jien tal-umili fehma li l-ilment ma jistax jitwessa' għal wieħed ta' ksur statutorju. Dan qed ngħidu aktar mill-lat akkademiku, għaliex nirribadixxi li hu abbundantement ċar li ma hemm ebda ksur ta' regoli da parti tiegħi, u ilmenti bħal dan, huma spjaċevoli għaliex uffiċċju sensittiv u mportanti bħal ma hu dak tiegħi, ma għandux jintuża minn min għandu skopijiet li m'humiex *bona fide.*

Għalhekk bir-rispett nissottometti li għandek tuża d-diskrezzjoni tiegħek kontemplata fl-art 17 (2) (b) tal-Att għaliex l-allegazzjoni ma hijiex *bona fide*, apparti li kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt, u mhux meritata.

Għar-raġunijiet premessi, l-ilment mertu ta' din ir-risposta għandu jiġi riġettat.

Inselli għalik,

Robert Abela
Prim Ministru